IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 11**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 12 ta' Novembru 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

0.01 **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 5 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjaru. Il-Kunsill qabel.** — Bdil fl-ordni tal-aġenda

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillier Andrew Mallia daħal għal-laqgħa fis-7.20 ta' filgħaxija.

**5.00** ***Quaterly Financial Statements* (Lulju – Settembru)**

5.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Lulju – Settembru 2013. — *Quarterly Financial Statements* (Lulju - Settembru)

Il-Kunsill innotta li għal dan il-kwart kien hemm indikatur pożittiv ta' 25% iżda f'termini finanzjarji l-Kunsill spiċċa b' €7,842 minn taħt. Meta tingħata ħarsa lejn is-sitwazzjoni finanzjarja mill-bidu tas-sena għalkemm din tjiebet ftit, il-Kunsill għandu biss indikatur pożittiv ta' 1.5%. F'termini finanzjarji l-Kunsill nefaq €19,456 iktar milli daħħal.

Wara li l-Kunsill ikkunsidra dan ir-rapport kif ukoll li l-indikatur finanzjarju mitlub mil-liġi għandu jkun ta' 10%, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li jrid isir kontroll akbar tan-nefqa sal-aħħar tas-sena.

Il-Kunsill qabel li ma jsir l-ebda xogħol ta' natura kapitali jew spejjeż kbar oħra qabel tmiem is-sena finanzjarja.

5.02 Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

5.03 **Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 09**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G09 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 09*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 09**

*Punti li joħorġu mill-Minuti G 09*

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill li wara parir legali dwar l-obbligu tagħha skont it-termini tal-liġi, hija ġabet għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali ż-żewġ ċertifikazzjonijiet li għamel il-perit tal-Kunsill. Għal fini ta' artiklu 52(g) kif ukoll il-verifika li ssir f'isem l-awditur ġenerali u kull liġi relevanti hija talbet ukoll lid-Direttur tal-Gvern Lokali konferma bil-miktub fejn jawtorizzaha tiffirma l-imsemmija pagamenti.

*Rapport bis-suġġett "il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill"*

Filwaqt li l-Kunsill fehem il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill saħaq dwar il-bżonn ta' risposta immedjata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.02 2.05 Is-Sindku informa l-laqgħa li x-xogħlijiet ġewwa Tas-Salvatur kienu tlestew.

*Ilment dwar iż-żona tas-Salvatur*

2.03 2.06 Is-Sindku informa l-laqgħa, li l-*works order* għax-xogħlijiet fi Triq il-Merħliet kienet saret, però l-kuntrattur għadu ma bediex ix-xogħol. Huwa saħaq li kien ser jagħmel pressjoni biex din issir kemm jista' jkun malajr.

*Manutenzjoni ta' Triq il-Merħliet*

2.04 3.01 Is-Sindku għamel referenza għall-aħħar seduta tal-Kumitat tar-Reġjun tat-Tramuntana, fejn ġie diskuss l-installazzjoni ta' *cctv cameras.* Huwa ppropona li tinxtara *cctv camera* għall-prezz ta' €300 u titwaħħal fi Triq il-Kulleġġ, man-naħa tal-latrina tan-nisa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

*Cctv camera fi Triq il-Kulleġġ*

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li qabel ma tittieħed deċiżjoni, issir kjarifikazzjoni mar-reġjun dwar min kien ser iħallas ir-*running costs* għal dawn is-*cctv cameras.*

2.05 13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet għadha qed tiġbor il-kwotazzjonijet għal dawn l-*istands*. *Stands* tar-roti madwar ir-Rabat

2.06 13.04 Is-Sindku qal li l-arbuxell kien għadu ma nqalax. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li fis-*central strip* ma hemmx ħamrija u għalhekk qed jiġi diskuss mal-kuntrattur x'jista' jsir minflok l-arbuxell. Pjanti fi Triq San Piju V

2.07 13.08 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-istima tal-perit għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Old Żebbuġ Rd. Hu qal li l-istima hija ta' €106,161.02. *Extensive patching* u tindif f'Old Żebbuġ Road

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li l-ispiża hija għolja wisq u għaldaqstant ġie deċiż li tittella' stima oħra għal xogħlijiet ta' *extensive patching*.

Peress li din it-triq hi fi stat ta' rikostruzzjoni, il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li ssir talba lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, minħabba l-fatt li meta triq ikollha ħsara ta' iktar minn 75% trid terġa' ssir mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Rudolph Grima issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.08 13.12 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-laqgħa mat-tliet għaqdiet kienet ser issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru fit-3pm, ġewwa l-Kunsill. Armar tat-toroq għal żmien il-Milied

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba sabiex tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq San Publiju u Triq il-Konti Ruġġieru u ssir *one way*.
Wara diskussjoni li saret il-Kunsill ma laqax din it- talba però ġie deċiż li nitolbu lill-pulizija sabiex it-triq fil-ħinijiet tal-iskola tiġi magħluqa b'tabella tan-*no entry* mal-art quddiem il-ħanut *Chef Choice*, sabiex tkun aktar viżibbli. Talba għall-bidla fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq San Publiju u Triq il-Konti Ruġġieru

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba, mingħand il-Perit Kerstien Micallef, sabiex jgħin fl-ispiża għal xogħlijiet ta' trench works biex jiġu mgħoddija s-servizzi tad-dawl u l-ilma għar-residenza tagħha. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba li mhux fil-kompitu tiegħu li jħallas għal dan ix-xogħol. Talba għal *trench works* mill-Perit Kerstien Micallef

3.03 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill petizzjoni kif ukoll ittra li l-Kunsill irċieva mingħand ir-residenti taż-żona ta' Santu Wistin, fejn kienu qegħdin jilmentaw sabiex tinstab soluzzjoni dwar l-ammont kbir ta' ħamiem li qed jabita fit-toroq tagħhom. Petizzjoni rigward ammont kbir ta' ħamiem

Ġie deċiż li kopja ta' din il-petizzjoni flimkien mal-ittra jintbagħtu lis-Segretarjat Parlamentari tal-Agrikoltura, Sajd u Ħarsien tal-Annimali. Il-Kunsillier Paul Grech offra li jeħodha hu personalment. Il-Kunsill qabel.

3.04 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill stima tal-perit għal-xogħlijiet ta' *patching* fiż-żona tal-Imtaħleb, liema stima tammonta għal €23,958. Is-Sindku ppropona li x-xogħlijiet isiru fl-ewwel xagħrejn tas-sena d-dieħla u għaldaqstant l-imsemmija xogħlijiet għandhom jiddaħħlu fl-estimi annwali tal-2014. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Manutenzjoni tat-toroq fiż-żona tal-Imtaħleb

3.05 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill stima tal-perit għal-xogħol ta' *resurfacing* ta' l-Isqaq taċ-Ċagħki, liema stima tammonta għal €7,700. Is-Sindku ppropona li dan ix-xogħol isir is-sena d-dieħla u għaldaqstant l-imsemmi xogħol għandu jiddaħħal fl-estimi annwali tal-2014. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku, Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. *Resurfacing* tal-Isqaq taċ-Ċagħki

3.06 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill stima tal-perit għal xogħlijiet ta' *resurfacing* fi Triq it-Tabija, liema stima tammonta għal €5,859. *Resurfacing* ta' Triq Tabija

Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Gvern Ċentrali minħabba li din it-triq hija waħda arterjali.

3.07 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill stima tal-perit għal-xogħlijiet ta' *resurfacing* f'Misraħ San Duminku, liema stima tammonta għal €15,398. Huwa saħaq li f'din it-triq hemm problema kbira bil-qlib tal-ilma. *Resurfacing* f'Misraħ San Duminku

Is-Sindku ppropona li x-xogħlijiet isiru s-sena d-dieħla u għaldaqstant l-imsemmija xogħlijet għandhom jiddaħħlu fl-estimi annwali tal-2014. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 227 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 227

## 6.00 Korrispondenza

6.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1676/13,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva mingħand TM sabiex il-Kunsill jgħaddi is-suġġerimenti tiegħu dwar talba mressqa lil TM rigward ħtieġa ta' *zebra crossing* jew *traffic lights* fi Triq it-Tabija. Talba biex isiru *Zebra Crossing* jew *Traffic Lights* fi Triq it-Tabija

Il-Kunsillier Rudolph Grima qal li tali talba diġà kienet saret fil-passat mill-Kunsill lil TM u għaldaqstant ippropona li ssir *zebra cross* kif ukoll jiġu installati *pedestrian lights*. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1689/13**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Decelis, sabiex jinħariġlu permess biex ikun jistà jpoġġi qsari quddiem il-bieb tad-dar tiegħi fi Sqaq nru 1, Triq il-Kbira. Talba għal *no objection* biex jitpoġġew qsari fi Sqaq nru 1, Triq il-Kbira

Il-Kunsill innotta li l-permessi ta' dan it-tip ma jinħarġux mill-Kunsilli Lokali u għaldaqstant ġie deċiż li mhux kompitu tal-Kunsill li jilqa' jew jirrifjuta din it-talba.

6.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1548/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona ta' Koronja. Installazzjoni ta' bozza fiż-żona ta' Koronja

Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill approva.

**7.00 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Mejju u Ottubru 2013. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Paul Grech naqas milli jattendi l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Attendenza tal-kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Rudolph Grima, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Grech ma jkunx vakat.

**8.00 Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1 - RLC/T/127/13**

8.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lill-offerent Mark Barbara għall-prezz ta' €8,100. Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1- RLC/T/127/13

** Il-Kunsillier Rudolph Grima talab li jiġi skużat fid-9.12 pm

**9.00 Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 - RLC/T/128/13**

9.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lill-offerenti Charles & Joseph Gauci għall-prezz ta' €5,990. Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 - RLC/T/128/13

**10.00 Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 3 - RLC/T/129/13**

Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lill-offerent Brian Caruana għall-prezz ta' €3,000 Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 3 - RLC/T/129/13

**11.00 Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 - RLC/T/130/13**

Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lill-offerent Emanuel Ciantar għall-prezz ta' €3,199. Għażla tal-offerta għal Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 - RLC/T/130/13

**12.00 Għażla ta' kwotazzjoni għall-uniformi tal-impjegati tal-Kunsill RLC/Q/0082/13**

**12.01** Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni għandha tingħata lill-offerent In Design għall-prezz ta' €4,125.60. Għażla ta' kwotazzjoni għall-uniformi tal-

impjegati tal-Kunsill RLC/Q/0082/13

**13.00 Tiġdid tal-offerta għall-Manutenzjoni ta' marki tat-toroq u sinjali tat-traffiku RLC/T/103/11**

13.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/103/11, għall-Manutenzjoni ta' marki tat-toroq u sinjali tat-traffiku sabiex tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-Manutenzjoni ta' marki tat-toroq u sinjali tat-traffiku - RLC/T/103/11

**14.00 Memo 25/2013- Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014**

14.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 25/2013 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013- 2014.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika ghal din l-iskema. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel li jinħatar bord sabiex jieħu hsieb l-organizzazjoni ta' din l-attivita. L-Bord ikun iffurmat kif ġej:

**Is-Sindku Charles Azzopardi**
**Il-Viċi Sindku Doris Coleiro**
**Il-Kunsillier Andrew Mallia**
**Il-Kunsillier Ian Vassallo**
**Il-Kunsillier Stephen Borg**

Memo 25/2013 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013 - 2014

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-9:30 pm

**15.00 Programm ta' attivitajiet għall-Milied**

15.01 Is-Sindku ppreżenta programm dwar l-attività tat-tfal għall-Milied u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Wara dan il-Kunsill unanimament qabel li bħal kull sena għall-festa tal-Milied, il-Kunsill jorganizza *Santa's Train* nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru fil-Pjazza ta' San Pawl.

Attività tal-Milied ġewwa l-Pjazza

**16.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru A33 u A34**

16.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A33 u A34 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Baħrija A33 u A34

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru A34 u A35**

17.01 Il-Kunsillier Stephen Borg ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A34 u A35 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A34 u A35

## 18.00 Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 18.01 | Il-Kunsillier Andrew Mallia saħaq li x-xogħlijiet fi Vjal il-Ħaddiem, Triq Ħad-Dingli, Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Ħal-Bajjada baqgħu ma tkomplewx min-naħa ta' Transport Malta. | Xogħlijiet mhux kompluti minn TM |
| 18.02 | Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li jitwaqqaf Kunsill taż-Żgħażagħ. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Proposta għall-Kunsill taż-żgħażagħ |
| 18.03 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li ssir pressjoni mal-Korporazzjoni Enemalta biex titwaħħal il-bozza ta' Triq Bir il-Ljun li nqalgħet f'Jannar u għada ma twaħħlitx oħra minflokha. | Bozza f'Bir il-Ljun sabiex terġa' titwaħħal |
| 18.04 | Il-Kunsillier Paul Grech qal li fi Triq il-Kulleġġ ħdejn l-ispiżjar qiegħed ikun hemm ħafna boroż tal-iskart qabel u wara l-ħin tal-ġbir. | Skart fi Triq il-Kulleġġ ħdejn l-ispiżjar |
| 18.05 | Il-Viċi Sindku, Doris Coleiro talbet li jinżabru s-siġar taż-żebbuġ, li hemm fi Vjal il-Ħaddiem. Il-Kunsill qabel. | Żbir ta' siġar taż-żebbuġ fi Vjal il-Ħaddiem |
| 18.06 | Il-Viċi Sindku, Doris Coleiro talbet li tinżabar is-siġra li hemm ħdejn il-*bus shelter*, t'Għajn Kajjet, ħdejn Blokk B. | Żbir ta' siġra ħdejn il-*bus shelter* t'Għajn Kajjet |
| 18.07 | Il-Viċi Sindku, Doris Coleiro qalet li hemm ħofra perikoluża, ħdejn il-kappella tan-Nigret. | Ħofra perikoluża fin-Nigret |
| 18.08 | Il-Viċi Sindku, Doris Coleiro talbet li ssir talba lil TM għal *sleeping police*, fi Triq San Publiju, ħdejn il-*hairdresser.* Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba. | Talba għal-*sleeping police* fi Triq San Publiju |
| 18.09 | Is-Sindku Charles Azzopardi talab li jinqalgħu t-tabelli li hemm mgħottijin fi Triq Sant'Antnin issa li għaddew ix-xhur minn mindu nbidlet id-direzzjoni tat-traffiku. | Tabelli fi Triq Sant' Antnin |
| 18.10 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li terġa' tibda ssir iċ-ċerimonja li fiha titpoġġa Girlana tar-Rand quddiem il-lapida tal-mejtin fi Triq San Publiju. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ċerimonja fuq il-lapida tal-mejtin, fi Triq San Publiju |
| 18.11 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq Ħad-Dingli nqalgħu xi siġar u l-*planters* tħallew vojta. | Pots li baqgħu vojta, fi Triq Ħad-Dingli |
| 18.12 | Il-Kunsillier Ian Vassallo, qal li hemm bżonn li issir manutenzjoni lill-bankina tas-Saqqajja peress li l-madum qed jiċċaqqlaq. | Bżonn ta' manutenzjoni fil-bankina tas-Saqqajja |
| 18.13 | Il-Kunsillier Ian Vassallo, qal li hemm bankina mkissra u perikoluża fi Triq il-Kulleġġ, ħdejn il-ħanut *Sweet Tooth.* | Bankina mkissra fi Triq il-Kulleġġ |
| 18.14 | Il-Kunsillier Stephen Borg, talab biex isir *scarifying* fil-bidu ta' Triq tat-Tiġrija, hekk kif tikser minn Triq il-Belt Valletta, minħabba li qiegħda tkun ta' periklu għas-sewwieq. Il-Kunsill qabel. | Talba sabiex tingiref parti minn Triq it-Tiġrija |
| 18.15 | Is-Sindku ppropona li din is-sena l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, il-Membri taż-żewġ Kumitatati Amministrattivi u għall-amministrazzjoni tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ikla tal-Milied |

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar l-10 ta' Diċembru fis-7.00 ta' filgħaxija.

19.02 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta ... 10 ... ta' Diċembru 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**